MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 373/2003

**Advanced Industrial Systems Limited**

**vs**

**Ceiling Systems Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf seba' mija wiehed u tletin Lira Maltin u hdax-il centezmu (LM1,731.11,0) rapprezentanti in parti prezz ta' prodotti mibjugha lis-socjeta' konvenuta u in parti prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta minn prospett anness u mmarkat bhala Dok A u kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Nonostante illi s-**

**socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan il-bilanc, inkluz permezz ta' ittra legali datata 7 ta' Lulju tas-sena 2003 (Dok B), hija baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 7 ta' Lulju tas-sena 2003 u bl-imghax mid-dati tal-fatturi ndikati fil-prospett sad-data tal-pagament effettiv. Is-socjeta' konvenuta hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-25 ta' Novembru tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------